**Sensiela Maltin Magħrufin**

- **It-Tielet Munita (2003) tas-Sensiela: Sir Adriano Dingli (1817-1900)**




Fl-2003, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ it-tielet munita kommemorattiva fis-sensiela Maltin Magħrufin Distinti b'tifkira ta' Sir Adriano Dingli. L-ewwel munita tas-sensiela kienet inħarġet f'Settembru ta' l-2001 biex tfakkar il-Prim Ministru ta' dari l-Avukat Enrico Mizzi, filwaqt li t-tieni munita, li tfakkar lill-kompożitur Malti Nicolo' Isouard, kienet inħarġet f'Novembru ta' l-2002.

It-tielet munita ta' din is-sensiela tfakkar lil Sir Adriano Dingli, Prim Imħallef, li kien jgħix bejn l-1817 u l-1900. Fuq il-wiċċ tal-munita tidher l-Arma tar-Repubblika ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2003. Fuq l-irġejjen tidher xbieha ta' Sir Adriano Dingli, id-dati tat-twelid u tal-mewt tiegħu (1817-1900) u l-kliem "Sir Adriano Dingli - Prim Imħallef".

Sir Adriano Dingli twieled fil-Belt Valletta fit-8 t'Ottubru 1817. Kien t-tifel ta' Sir Paolo Dingli, avukat eminenti li kien sar President tal-Qorti ta' l-Appell. Adriano kiseb id-dottorat fil-liġi fl-1836 meta kien għad għandu biss 19-il sena.

Wara li żied issaħħaħ it-tagħlim tiegħu ta' l-ilsna u tal-liġi f'bosta universitajiet Ewropej hu beda jaħdem t'avukat. Wara l-għotja lil Malta tal-Kostituzzjoni ta' l-1849, hu kien tela' fil-Kunsill tal-Gvern bħala rappreżentant ta' Għawdex. Permezz tal-ħidma tiegħu f'dan il-kunsill hu ma damx ma wera kemm kien tajjeb bħala kelliem u kemm kien mogħni b'għerf, għalkemm fil-polemiċi hu ma kien jidħol qatt. Fl-1854 hu ngħata l-post prestiġjuż ta' Avukat tal-Kuruna.

Hu ħadem għat-tkabbir tal-Port il-Kbir u għall-bini tas-Suq u t-Teatru Rjal fil-Belt Valletta u ta' l-Isptar tal-Moħħ f'Ħ'Attard. Fl-1862 narawh f'Turin jinnegozja trattat ta' estradizzjoni ma' l-Italja. Matul iż-żmien tal-ħatra tiegħu ta' Avukat tal-Kuruna, hu wera l-għarfien perfett tiegħu tat-teorija ġuridika, speċjalment fil-qasam tal-liġi ċivili, billi fassal u għadda l-Liġijiet Ċivili ta' Malta f'sura kodifikata fl-1868 u fl-1873. U hu sar il-Gvernatur *de facto* ta' Malta.

Bħala għarfien tal-merti tiegħu hu kien inħatar Sieħeb ta' l-Ordni tal-*Bath* u mbagħad, fl-1860, kien issokkta jitweġġaħ bil-ħatra l-ewwel ta' Kavallier Kommendatur ta' l-Ordni ta' *Saint Michael u Saint George*, u mbagħad, fl-1868, ta' Gran Kommendatur ta' l-istess Ordni. Bosta drabi kienu jqabbduh jirrappreżenta kemm il-Gvern lokali u kemm il-Gvern Imperjali f'missjonijiet barra minn Malta, fosthom f'Ċipru, fejn iċ-Ċiprijotti għamlu t-talba li hu jinħatrilhom bħala l-Kummissarju Għoli Ċivili

tagħhom. Hu wettaq dawn il-missjonijiet b'mod mill-aktar kompetenti u sodisfaċenti. Matul dawn il-ħidmiet, u fil-bosta drabi meta l-Gvern talbu jagħtih il-parir siewi tiegħu, kienu jidhru ċari l-ispirtu patrijottiku tiegħu u l-ħass kbir tiegħu tal-ġid soċjali.

Fl-1880 hu kien ingħata kif kien jistħoqqlu l-ogħla kariga ġudizzjarja f'Malta billi nħatar President tal-Qorti ta' l-Appell bit-titlu ta' "Prim Imħallef" li kien tneħħa erbgħin sena qabel.

Sir Adriano miet fil-25 ta' Novembru 1900. Fil-Ġnien tal-Mall fil-Furjana twaqqaf mafkar għalih b'bust tal-bronż magħmul minn Antonio Sciortino, li kien inkixef mir-Re Dwardu VII fl-1907.

Il-munita tal-Fidda *Proof* kienet valuta legali f'Malta bejn l-14 t'Ottubru 2003 u l-31 ta' Jannar 2008 għall-valur ta' Lm5. Id-disinn tal-munita hu xogħol l-artist Malti Noel Galea Bason. Il-munita nħadmet mir-*Royal Mint* fir-Renju Unit.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 2,000 |